MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Numru. 9/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Maria Stella Cutajar)**

**vs**

**James Camilleri ta’ 20 sena, iben George**
**u Josephine nee Zammit, imwieled UK,**
**fil-1 ta’ Mejju, 1983, u joqghod Nirvana,**
**Triq l-Isparvier, Ghaxaq, detentur**
**tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 136493 ( M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi James Camilleri li gie akkuzat talli (a) nhar l-20 ta’ Novembru, 2003

ghall-habta ta’ 9.30 a.m. gewwa Hal-Qormi bil-hsieb li jikkommetti serq ta’ stereo minn gewwa vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AAJ-301 ghamla Peugeot 205 ta’ kulur isfar ghad-dannu ta’ Michael Zarb, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu, liema tentattiv ta’ serq hu kwalifikat bil-mezz, l-ammont u l-haga misruqa,
(b) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm 50 meta ghamel hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AAJ-301 ghamla Peugeot 205 ta’ kulur isfar ghad-dannu ta’ Michael Zarb,
(c) aktar talli fiz-zminijiet ta’ qabel din id-data minn gewwa l-Fgura ikkommetta serq ta’ stereo u oggetti ohra minn go vetura, bin-numru tar-registrazzjoni u ghamlu mhux maghrufa liema valur huwa ammontabbli ghal aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1000 liema serq huwa aggravate bil-mezz, valur u l-haga misruqa,
(d) Aktar talli fl-istess data u qabel din id-ata f’dawn il-gzejjer sew jekk mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kullmod li jkun indahal biex ibighhom jew imexxihom,

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tkun trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Rat il-pre sentencing report redatt minn John Testa.

Issibu hati wara li rat l-artiklu 261, 263, 280 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artiklu 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Qeghda wkoll tqeghdu taht ordni ta’ probation ghal zmien sentejn mil-llum b’dan illi ghandu jobdi kull direttiva moghtija mill-probation officer and ghandu javza bi kwalunkwe bdil fl-indirizz tieghu.

James Camilleri ghandu wkoll jibda u jkompli program residenzjali ghar-riabilitazzjoni mid-droga.

B’dan illi l-Qorti ghandha tigi nfurmata b’kull progress ta’ James Camilleri kull erbgha gimghat bil-miktub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------